**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2017**

---

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MILL-QARI) | Il-ĦIN: 50 MINUTA |
|---|---|---|

---

**L-Isem u l-Kunjom:** ___________________________ **Il-Klassi:** ________

| |
|---|
| **Marka Totali** ___________ |
| **30** |



**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra din l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

## Il-*Gozo Channel*

Il-kumpanija *Gozo Channel* bdiet topera fis-sena 1979. Xogħolha hu li tibni u tħaddem servizz ta' trasport minn Malta għal Għawdex. Permezz tal-passiġġieri u l-vetturi li jagħmlu uzu minn dan is-servizz, l-ekonomija ta' Malta tmur 'il quddiem. Ta' min jgħid ukoll li n-numru ta' turisti li jaqsmu bejn dawn il-gżejjer qiegħed dejjem jikber. Dan jgħin biex il-kumpanija tagħmel aktar flus.

Il-*Gozo Channel* tagħmel ħilitha biex toffri vjaġġi mill-aqwa lil kull min juża' l-vapuri tagħha. Saħansitra nfetħu kafetteriji kif ukoll ħanut tal-kotba fuq dawn il-vapuri.




L-għanijiet ewlenin tal-*Gozo Channel* huma:

1) li jżommu l-ambjent tal-baħar nadif
2) li joffru prezzijiet tajbin lill-passiġġieri
3) li jaraw il-klijenti ferħanin u kuntenti bis-servizz

Meta din il-kumpanija bdiet topera, kienu jsiru biss tmien vjaġġi kuljum. Illum il-ġurnata, l-affarijiet tjiebu u l-vjaġġi qed isiru kull tliet kwarti.

Il- prezzijiet tal-*Gozo Channel* huma dawn:

| Deskrizzjoni | Prezzijiet għall-Maltin | Prezzijiet għall-Għawdxin |
|---|---|---|
| | | |
| Karozza u Xufier | €15.70 | €8.15 |
| Mutur u Xufier | €8.15 | €4.65 |
| Rota u Xufier | €1.15 | €1.15 |
| Passiġġier biss | €4.65 | €1.15 |
| Passiġier bil- Karta Anzjan | €0 | €0 |

**Taqsima A: Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (3 marki)**

1) Fis-sena 1979 il-*Gozo Channel* (żiedet il-vapuri, bdiet topera, spiċċat).
2) Permezz tal-*Gozo Channel* l-ekonomija (marret tajjeb, marret għall-agħar, baqgħet l-istess).
3) Fuq il-vapur insibu (pixxina, ċinema, kafetterija).

**Taqsima B: Qabbel (4 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Il-*Gozo Channel* tixtieq li jżommu nadif | | tajbin u rħas. |
| b) | Il-prezzijiet tal-*Gozo Channel* iridu jkunu | | vjaġġ bil-vapur kull tliet kwarti. |
| ċ) | Kienu jsiru biss tmien vjaġġi kuljum | | l-ambjent tal-baħar. |
| d) | Illum il-ġurnata qed isir | | meta l-kumpanija bdiet topera. |

**Taqsima Ċ: Irrispondi l-mistoqsijiet. (3 marki)**

1. Liema passiġġieri jkollhom vjaġġ b'xejn meta jużaw il-*Gozo Channel* ?

______________________________________________

2. Min jaqbillu juża l-*Gozo Channel* l-aktar, il-Maltin jew l-Għawdxin? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

**<u>It-Tieni Taqsima</u>** **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**




*L-Ewwel Parti:* **L-istorja ta' Harry Potter**

Immaġina skola tal-maġija li fiha taraġ jiċċaqlaq, sport li jintlagħab fuq xkupa ttir u tifel li hu **eroj** ta' ħafna sħaħar mingħajr ma jaf. Din hija d-dinja ta' Harry Potter: id-dinja tant popolari kemm mal-kbar kif ukoll maż-żgħar, li wasslitilna l-kittieba JK Rowling. **(par. 1)**

L-istorja tgħidilna li saħħar kattiv, bl-isem ta' Voldemort, ipprova joqtol lil Harry meta kien għadu tifel ċkejken. Minkejja li qatel lil ommu u 'l missieru, dan ma rnexxilux joqtol lil Harry. Minflok qatlu, Voldemort irnexxielu jħalli l-marka tiegħu f'forma ta' sajjetta fuq moħħu. Wara li Voldemort tilef il-poteri kollha tiegħu minħabba li ma qatilx lil Harry, dan **għeb** minn wiċċ l-art u ħadd ma kien jaf x'sar minnu. Lil Harry bagħtuh jgħix maz-zijiet tiegħu, Petunia u Vernon, flimkien mat-tifel tagħhom Dudley. Dawn mhux biss ma kinux sħaħar, iżda kull forma ta' maġija kienet idejjaqhom ħafna. **(par. 2)**

Harry qatta' diversi snin minn ħajtu mingħajr maġija sakemm għalaq ħdax-il sena u seta' jmur l-iskola ta' Hogwarts. Iz-zijiet qatt ma qalu lil Harry li hu kien saħħar. Kellu jkun wieħed mill-ħaddiema tal-iskola stess, il-ġgant Hagrid, li jwassallu dan il-messaġġ. Malli Harry għalaq ħdax-il sena, Hagrid daħal fil-kabina fejn kienu qed joqogħdu sabiex jgħidlu li kien intagħżel għall-iskola tal-maġija, Hogwarts. Minn hawnhekk jibdew l-avventuri ta' Harry Potter. **(par. 3)**



**A. Immarka t-tajba billi tagħmel (✓) fil-kaxxa.** **(2 marki)**

1. Is-saħħar il-kattiv jismu

| | |
|---|---|
| a. J.K. Rowling. | |
| b. Voldemort. | |
| ċ. Hagrid. | |

2. Petunia u Vernon kienu

| | |
|---|---|
| a. sħaħar ukoll. | |
| b. jħobbu ħafna l-maġija. | |
| ċ. jobogħdu l-maġija. | |

**B. Wieġeb** **(6 marki)**

3. Semmi xi ħaġa li fiha l-iskola ta' Hogwarts. (par. 1)

______________________________________________________________

4. X'ġara minn Voldemort wara li tilef il-poteri tiegħu? (par. 2)

______________________________________________________________

5. Kif sar jaf Harry li kien jaf jagħmel il-maġija? (par. 3)

______________________________________________________________

6. Mit-tieni paragrafu, sib forma tal-partiċella mqassra, **lil**.

______________________________________________________________

7. Mit-tielet paragrafu, sib partiċella magħquda mal-artiklu.

______________________________________________________________

8. Mit-tielet paragrafu sib kelma li tfisser **'bosta'**. ______________________

*It-Tieni Parti:*



B'kollox, J.K. Rowling kitbet seba' kotba dwar l-avventuri ta' Harry Potter ġewwa l-iskola ta' Hogwarts. Kull ktieb huwa dwar sena skolastika ġewwa din l-iskola. Kull sena kienet mimlija bil-problemi tagħha minħabba Voldemort, li baqa' jipprova joqtol lil Harry minkejja kollox. **(par. 4)**

Ġewwa din l-iskola, Harry sab żewġt iħbieb tal-qalb, Hermione Granger u Ron Weasley. Huwa studja wkoll suġġetti bħal Trasfigurazzjoni, fejn wieħed ikun jista' jbiddel persuna jew oġġett f'xi ħaġa oħra. Tgħallem ukoll il-Quidditch – (sport li jintlagħab fuq xkupa ttir), kif ukoll iltaqa' ma' diversi kreaturi bħal draguni u ċentawri. Hogwarts kienet immexxija minn surmast bl-isem ta' Albus Dumbledore, li għamel minn kollox sabiex jipproteġi lil Harry mill-attakki ta' Voldemort. **(par. 5)**

L-ewwel ktieb ta' Harry Potter, bit-titlu 'Harry Potter u l-Ġebla tal-Filosfu', ġie ppublikat fl-Ingilterra fis-sena 1997. Għaxar snin wara, l-aħħar ktieb fis-serje kiser kull rekord u sar l-aktar ktieb mixtri fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa. Is-seba' stejjer ġew maqluba wkoll fi tnejn u sittin lingwa differenti. B'kollox inbiegħu 'l fuq minn erba' miljun ktieb ta' Harry Potter madwar id-dinja kollha. **(par. 6)**

Minkejja li spiċċat is-serje ta' Harry Potter, J.K. Rowling xorta baqgħet tikteb il-kotba iżda din id-darba għall-adulti. Dan għamlitu biex tolqot il-gosti ta' kulħadd. Fost dawn il-kotba nsibu *The Casual Vacancy*, storja dwar il-problemi ta' nies li jgħixu ġo villaġġ żgħir. Rowling kitbet ukoll serje ta' kotba dwar raġel li jsolvi delitti misterjużi – *Cormoran Strike*. Ta' min jgħid li dawn il-kotba, J.K. Rowling kitbithom taħt isem differenti biex in-nies ma jindunawx li kitbithom hi! Żgur li qatt ma jgħaddilkom minn moħħkom għalfejn għamlet hekk! Din il-kittieba meraviljuża riedet tkun ċerta li n-nies jaqraw il-kotba tagħha mhux għax hija magħrufa iżda għax **dawn** huma tassew interessanti! **(par.7)**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet, skont it-tieni silta.** ( 8 marki)

1. Immarka (✓) jekk hux Veru, Falz jew Ma Ssemietx.

| | | Veru | Falz | Ma Ssemietx |
|---|---|---|---|---|
| a. | B'kollox hemm seba' kotba ta' Harry Potter. | | | |
| b. | Wieħed mis-suġġetti li studja Harry kien Erboloġija. | | | |
| ċ. | Albus Dumbledore kien is-surmast ta' Hogwarts. | | | |
| d. | L-aħħar ktieb ta' Harry Potter m'għamilx suċċess. | | | |

2. Dwar xiex inhu kull ktieb ta' Harry Potter? **(par. 4)**

________________________________________________________

3. X'kienu jitgħallmu fis-suġġett tat-Trasfigurazzjoni? **(par. 5)**

________________________________________________________

4. Agħti l-**Mamma u l-Għerq** tal-verb '**joqtol**'. **(par. 4)**

| | |
|---|---|
| Mamma | |
| Għerq | |

5. Aqleb din is-sentenza fin-negattiv.

*Hogwarts kienet immexxija minn surmast.* **(par. 5)**

________________________________________________________

6. Ikteb 1997 fi kliem. **(par. 6)**

________________________________________________________

7. Għal xiex qed tirreferi l-kelma '**dawn**' fl-aħħar sentenza ta' paragrafu 7?

________________________________________________________

**D. Wieġeb il-mistqosijiet fuq is-silta kollha.** **(4 marki)**

1. Fi kliemek għid xi jfissru dawn:

a) eroj **(par. 1)** ________________________________________

b) għeb **(par. 2)** ________________________________________

2. Wara s-serje ta' Harry Potter, il-kittieba bdiet tikteb kotba għall-kbar taħt isem ieħor. Taħseb li għamlet suċċess b'dawn il-kotba? Għalfejn?

________________________________________________________

________________________________________________________



**TMIEM IL-KARTA**